MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2014

Appell Kriminali Numru. 544/2012

**Il-Pulizija**

**Kontra**

**Joseph Axisa**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Joseph Axisa iben Emanuel u Maria Dolores nee Cilia mwielet fl-1 ta’ Jannar 1963 u joqgħod 11 Triq il-Feniċi, Mosta u li ħandu l-karta tal-identita’ bin-numru 39063(M).

Fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud akkużat

Talli bħala persuna reġistrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, skont l-Att tal-1998 tal-istess Att (Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta) u r-regolamenti magħmula bis-saħħa tal-istess Att, naqas sal-ħmistax-il jum tat-tieni xahar li jiġi wara l-aħħar jum li fih intemmu ż-żminijiet tat-taxxa realattivi li jibgħat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (6) id-denunzja, flimkien mal-ħlas dovut, li saru dovuti fil-perjodi li ntemmu fil-31 ta' Diċembru, 2007 sat-30 ta' Ġunju 2010 bi ksur tal-artikolu 27, artikolu 66 u artikolu 76(ċ) tal-Att Numru XXIII tas-sena (Kap 406) 1998.

Il-Qorti ntalbet li f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni skont il-liġi, tordna lill-imputat jikkonforma ruħu mal-liġi fi żmien biżżejjed biex ikun jista' jagħmel dan, liema żmien m'għandux jeċċedi tliet xhur, taħt multa ta' mhux anqas min erba' ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu u mhux aktar minn tlieta u għoxrin Ewro għal kull jum li dak in-nuqqas ikompli wara li jgħaddi l-imsemmi żmien mogħti mill-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fit-8 ta' Novembru 2012 li fiha l-Qorti sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih u ikkundannatu jħallas multa ta' €800. Barra minn dan, b'applikazzjoni tal-artikolu 76 tal-Kap 406, ordnat lill-imputat sabeix fi żmien tliet xhur mill-jum tas-sentenza jikkonforma ruħu mal-Liġi u fin-nuqqas jeħel multa ta' 15-il Ewro għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi l-imsemmi żmien ta' tliet xhur.

Rat ir-rikors tal-appell intavolat fl-20 ta' Novembru 2012 fejn huwa talab revoke ta-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih u tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija u jekk dina l-Qorti tikkonferma l-ħtija tvarja l-piena għal waħda aktar mita.

L-aggravju tal-appellant huwa primarjament li l-Qorti tal-Maġistrati għamlet apprezzament ħażin tal-provi.

Jirriżulta li kienet il-mara tal-appellant li kien ikollha l-mazz f'idejha bl-appellant jiffirma fejn jgħidulu. L-appellant la jaf jaqra u lanqas jikteb u kien jagħti l-flus lill-accountant skont ma tgħidlu martu meta ma kinitx tgħaddihom l-istess martu. L-appellant qatt ma basar li kien ser jispiċċa fi problemi tal-familja u ċioe' ma' min kien qed jafda flusu.

L-appellant lanqas ma seta' jibda jaħdem wara d-digriet tal-11 ta' Lulju 2012 meta l-Qorti rrillaxxjat l-inġenji minħabba li xorta kien għadu in vigore l-mandat ta' żgumbrament. L-appellant lanqas ma seta' jiġġnera introjtu tal-ammont dovut (7000 Ewro) lid-Dipartiment fi żmien erba' xhur.

Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) ċaħdet it-talba tal-appellant sabiex jitħallas il-Kummissarju tat-Taxxa tal-Valur Miżjud mill-flus issekwestrati.

L-appellant issottometta li 'nemo tenetur ad impossibilia' għax bi flus issekwestrati l-appellant kien impossibbli għalih li jħallas it-taxxa dovuta.

Għal dak li li jipprovdi l-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni l-appellant għamel minn kollox sabiex iħallas dak li hu dovut. L-appellant ma jista' jagħmel xejn aktar milli għamel.

Rat l-atti kollha tal-proċess.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur.

Ikkonsidrat

Milli atti jirriżulta dan li ġej:

Kienet ippreżentata Letter to Prosecute (fol 10), applikazzjoni għal reġistrazzjoni bħala sid uniku magħmula mill-appellant (fol 11 kif ukoll digriet tal-11 ta' Lulju 2012 li bih ilQorti ordnat ir-rilaxx ta' crane lill-appellant(fol 12 u 13).

A fol 13 jidher il-current incident report (PIRS) dwar rapport li kien sar minn Ethel Joan Micallef dwar xi disgwid li kien inqala' fil-familja tal-appellant. L-appellant kien ta l-verżjoni tiegħu ukoll fejn qal ukoll li kien sab xi flus neqsin. Mart l-appellant kienet ħadet xi affarijiet inklużi ċ-ċwievet tal-vann u tal-crane kif ukoll il-flus tal-VAT.

Quddiem din il-Qorti xehdu dawn il-persuni:

(a) Is-sinjura Connie Micallef li qalet li l-appellant kien daħħal ir-returns iżda mingħar il-pagament. Sat-23 t'Ottubru 2013, dawn il-pagamenti kienu għadhom ma sarux.

Fil-kontro-eżami hija qalet li hija qatt ma kellha xi taħditiet mal-accountant tal-appellant. Mill-file tad-dipartiment ma kien jirriżulta xejn.

(b) Is-Sur Emanuel Darmanin, rappreżentant tal-VAT Department li ikkonferma d-dokumenti li kien iprreżenta isfel. Huwa kkonferma li r-returns kienu daħlu u l-ammont dovut (fiż-żmien ta' meta xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati) kien ta' 4,333 Ewro. Huwa ma kienx jaf min kien l-accountant tal-appellant.

(ċ) L-appellant John Axisa li qal li kien ilu biex iħalls dak li hu dovut. Huwa qal li kienet ħarġet amnestija u applikalu għaliha l-accountant u kien għadu jistenna l-karta mid-dipartiment. (28 ta' Novebru 2013). Huwa kellu l-flus lesti iżda ħadithomlu l-mara li kienet tieħu ħsieb kollox hi. Waqt li hu ma jafx jaqra jew jikteb hi kienet tinqala' ħafna fl-iskola. Wara li telqet il-mara, kellu pagament fid-dar u ħaduhulu meta daħlu fid-dar tiegħu billi għamlu sgass. Huwa qal li 'l-isgass' sar mill-Qorti u tefgħuh 'il barra. Huwa kellu sebat elef Ewro fil-bank iżda martu għamlet sekwestru fuqhom. Il-business kien sfrattalu wara li spiċċa bl-għodda maqbuda fil-garage. Illum spiċċa jirreġistra.

Mill-kontro-eżami rriżulta li huwa kien applika għall-amnestija darbtejn u li sas-sena 2010 l-appellant kien għadu d-dar. L-appellant kienu għadu jopera bl-għodda f'dak iż-żmien.

(d) Is-sur Alex Mamo xehed li mart l-appellant kienet tieħu ħsieb kollox hi.. L-appellant sab ruħu dahru mal-ħajt wara li telqet il-mara. Mart l-appellant, li kienet tehhindilja karti kif ukoll il-flus, kienet tgħid lill-accountant li l-appellant ġabilha l-flus u l-accountant kien jgħidilha li riedu jħallsu l-bolli. Imbagħad kienet tgħid lill-accountant li ma kellhiex flus biżżejjed għat-tali ħlas.

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

L-ewwelnett il-ħlasijiet dovuti jkopru l-perjodu 31 ta' Diċembru 2007 sat-30 ta' Ġunju 2010. Ir-rapport ta' meta beda d-disgwid familjari jirriżulta li beda fl-24 t'Awwissu 2010 (ara l-PIRS Report a fol 14).

Għalhekk dawn il-ħlasijiet imisshom saru qabel ma beda d-disgwid familjari.

Issa jekk wieħed janalizza ir-rikors tal-appell dan jirriżolvi ruħu f'żewġ punti:

(a) L-appellant għamel dak kollu li seta’ sabiex iħallas l-ammont dovut;

(b) Ad impossibilia nemo tenetur.

Il-Qorti fehmet li l-appellant la jaf jikteb u lanqas jaqra. U li kien iħalli kollox f’idejn martu. Iżda mhix qed tifhem kif ma sarux dawn il-ħlasijiet fi żmien meta d-disgwid kien għadu ma bediex. Tassew li talab b’suċċess li jieħu lura l-crane (11 ta’ Lulju 2012) u li pprova wkoll jibbenefika minn amnestija. Tassew ukoll li l-flus baqgħu ssekwestrati u li hu kien żgumbrat mid-dar.

Iżda għalkemm dawn il-punti huma validi sabiex juru l-qagħda attwali tal-appellant, ma jitfgħux dawl għan-nuqqas ta’ pagamenti li kienu dovuti qabel l-24 t’Awwissu 2010. U hawn għaddew sentejn u nofs u mhux ftit jiem jew ftit ġimgħat.

Issa għamel x’għamel l-appellant biex iħallas l-ammonti ta’ taxxa dovuti, jibqa’l-fatt li meta ma hemmx provi li kienu jeżistu diffikultajiet matrimonjali, sekwestri u żgumbramenti, l-ħlas ma sarx. Minn dak li xehed l-accountant jidher li meta mart l-appellant keient tmur għand l-accountant bil-flus u l-accountant jgħidilha li jridu jitħallsu l-bolol, din kienet tgħidlu li ma kellhiex flus biżżejjed.

Għalhekk il-Qorti, waqt li tapprezza li saru xi sforzi da parti tal-appellant biex jitħallas dak li kien dovut, qed tiddeċiedi li ma tistax tilqa’ dik il-parti tal-appell dwar il-prinċipju ‘Impossibilia nemo tenetur’. It-taxxa tkun inġabret mill-pagamenti tan-nies li jkunu qabbdu lill-appellant biex jagħmlilhom ix-xogħol tal-bini. Huwa dmir ta’ min ikun rreġistrat li dawn il-flus jingħataw lid-dipartiment fiż-żmien indikat mil-liġi. Dan manifestament ma sarx. Lanqas ma tista’ tintlaqa’ s-sottomissjoni li għax ikun hemm diffikultajiet f’relazzjoni, allura din tiġġustifika n-nuqqas ta’ taxxa. Jekk tintlaqa’ tali sottomissjoni, bin-numru ta’ relazzjonijiet ta’ kull xorta li ma jkomplux dejjem jiżdied, tkun qed tiġġi pperikolata taxxa li tkun vitali għall-erarju Malti.

U jekk wieħed ma jafx jikteb u jaqra, la huwa għażel li jirreġistra għall-VAT, allura jrid jieħu ħsieb li l-persuna delegata biex tagħmel dmirijiet li jorbtu lilu, tkun persuna li wieħed jista’ jafda fiha. Hu x’inhu l-livell tal-edukazzjoni, ħadd m’huwa eżenti li jħallas dik it-taxxa li jkun ġabar minn għand ħadd ieħor.

Lanqas ma qed tilqa’ l-aggravju dwar l-inġenji (jekk dan jista’ jittieħed għalih). Fil-fehma tal-Qorti l-aggravji mmarkati A1, A2u A3 huma marbuta ma’ xulxin u jwasslu għas-sottomissjoni B1 – Nemo tenetur ad impossibilia.

Għar-raġunijiet mogħtija aktar 'il fuq, il-Qorti qed tiċħad kull wieħed minn dawn l-aggravji jew parti mill-aggravji.

Dwar l-aggravju B2, il-Qorti fliet sew l-applikazzjoni tar-reġistrazzjoni u minnha jirriżult ali r-reġistrazzjoni tindika li l-appellant kien irreġsitra bħala Sid Uniku u mhux bħala kumpanija. Isegwi għalhekk li l-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpetazzjoni ma jgħoddx għal każ odjern.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad dan l-aggravju wkoll.

Il-Qorti, iżda, ser tilqa' dik il-parti dwar il-varjazzjoni fil-piena u fil-penali *per diem*. Din tal-aħħar intlaqtet bl-emedni magħmula bl-Att XIV tas-sena 2013[1] u la l-liġi hija waħda aktar favorevoli, allura għandha tkun applikata l-liġi l-aktar favur l-appellant. (Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem :Scoppola versus Italy).

**Konklużjoni**

**Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad kull aggravju jew parti minn aggravju li jidher f'dan l-appell iżda qed tilqa' t-talba dwar il-varjazzjoni fil-piena u għalhekk qed tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fit-8 ta' Novembru 2012 billi waqt li qed tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih qed tirriformaha f'dik il-parti fejn il-Qorti tal-Maġistrati kkundannatu jħallas multa ta' 800 Ewro u fejn ikkundannatu jibda jħallas multa ta' 15-il Ewro kull jum u minflok qed tikkundannah iħallas multa ta' 700 Ewro u li jekk ma jattemporax ruħu mal-liġi**

---

[1] (*ċ*) tonqos milli tagħmel denunzja ta' taxxa meta tkun meħtieġa tagħmel dan bis-saħħa ta' dan l-Att;

tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, multa ta' mhux inqas minn seba' mitt euro (€700) u mhux iżjed minn tliet elef u ħames mitt euro (€3,500) u, fuq talba tal-prosekuzzjoni, il-qorti għandha, fir-rigward ta' reat skont il-paragrafu (*ċ*), tordnalha biex tikkonforma ruħha mal-liġi fi żmien biżżejjed biex tkun tista' tagħmel dan, iżda f' kull każ mhux iktar minn tliet xhur, u fin-nuqqas min jagħmel ir-reat ikollu jħallas multa oħra ta' ħames euro (€5) għal kull ġurnata li matulu jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi ż-żmien mogħti mill-qorti

**fi żmien tliet xhur mil-lum iħallas multa oħra ta' 5 Ewros għal kull jum li jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi ż-żmien imsemmi.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------